MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 101/2003

**Joseph Magro**

**vs**

**Jamie William Camilleri**

It-Tribunal:

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

Il-konvenut jigi kkundannat, u dan prevja dikjarazzjoni f'dan is-sens, li jhallas lill-attur il-bilanc ta' pagament ta' hames mija u tlieta u hamsin liri maltin u sitta u tletin centesimi minn somma akbar ta' Lm1403.36 inkluz f'dan l-ammont hemm il-VAT, ghal xoghol ta' panel beating, spray painting, bdil ta' parts, u chassis alignment li sar fuq il-vettura tal-konvenut Volkswagen Golf M3 bin-numru ta' registrazzjoni numru DAS-546, liema xoghol sar fuq inkarigu tal-istess konvenut u li fadallu jhallas lill-attur dan

il-bilanc, li baqa' ma hallsux anke' wara li giet spedita kontra tieghu ittra ufficjali fit-13 ta' Mejju 2003.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din it-Talba.

Bl-imghaxijiet b'effett minn meta ix-xoghol tlesta f'nofs Jannar 2003 sal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek."

Ra r-risposta u l-kontro-talba;

Ra r-risposta ghall-kontro-talba;

Ha konjizzjoni tal-provi;

Ikkunsidra:

Illi l-konvenuti jsostnu li kien hemm ftehim verbali mal-attur li l-ispejjez kemm ta' parts kif ukoll ta' xoghol ma kellhomx jeccedu l-hdax-il mitt lira (LM1,100) – allegazzjoni li l-attur fid-depozizzjoni tieghu cahad kategorikament. Barra minn hekk, huwa esebixxa notament tal-istima mnizzla fid-djarju tieghu fil-jum ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Gunju 2002, li turi stima totali ta' LM1,296 u notament li jghid: *bara il-Hsara li ghem fil-magna u l-gerbox* (sic). Cioe' fl-istima li ghamel, ma kienx qieghed jinkludi l-hsara fil-magna u gearbox, u dan billi, kif tajjeb spjega l-attur innifsu, ma setghax ikun f'pozizzjoni li jkun jaf xi hsara hemm fil-magna minghajr ma jzarma l-karozza – haga li ghamel zmien wara li ghamel l-istima. Fil-fatt il-magna u l-gearbox inxtraw mill-konvenuti, flimkien ma' xi parts zghar ohra. Huwa ferm inverosimili li l-attur wara li nizzel din l-istima fid-djarju tieghu, ftiehem mal-konvenuti li l-istima ma kellhiex teccedi l-LM1,100. Artiklu 22(1) ta' Kap 13 jistipula li l-kotba tan-negozju, kemm dawk obbligatorji kif ukoll dawk li m'humiex, jikkostitwixxu prova skond Kap 12; filwaqt illi skond Artiklu 629 tal-istess Kap 12, il-kotba tal-kummercjanti, mizmumin skond il-ligi,

huma prova tal-konvenzjonijiet u tal-operazzjonijiet kummercjali ohra, u jistghu jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, basta li tkun ippruvata l-awtenticita' taghhom. Fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw il-kuntrarju tal-kontenut tal-istess notament.

Illi jirrizulta li l-attur dam iz-zejjed biex ghamel it-tiswijiet, ghalkemm ma damx iktar minn sena kif allegaw il-konvenuti; li huwa kellu jsib il-parts kollha hu filwaqt illi ghal uhud mill-parts kellhom joqghodu jithabtu biex isibuhom il-konvenuti; u li x-xoghol ma sarx kollu u l-anqas ma sar ghal kollox skond is-sengha u l-arti. B'danakollu, id-difetti u nuqqasijiet fix-xoghol ma kinux gravi daqskemm ippruvaw ipinguhom il-konvenuti, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Gorg Scerri. Mill-provi jirrizultaw is-segwenti danni ghall-konvenuti:

Nejna Motor Yard ghal *fix front shaft, change steering rack,*
*change petrol pump* (fol 56)

38.00

| | |
|---|---|
| kiri ta' taxi f'zewg okkazjonijiet | 28.00 |
| vjaggi lejn Malta | 20.00 |
| zamma ta' mera u bicca mill-bieba tad-driver | 10.00 |
| danni lis-seat covers | 55.00 |
| TOTAL | 151.00 |

Id-danni l-ohrajn li jillamentaw minnhom il-konvenuti ma jirrizultawx. B'mod partikolari, l-oil pump jirrizulta li zviluppa l-hsarat zmien aktarx konsiderevoli wara li l-karozza harget l-ewwel darba minghand it-tieni mekkanik, George Scerri, u ghalhekk ma tistax tigi imputata lix-xoghol tal-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba; filwaqt li jilqa' l-

kontro-talba limitatament ghas-somma ta' LM151 u wara li ghamel tpacija tat-talba mal-kontro-talba, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM402.36 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali pprezentata fil-15 ta' Settembru 2003; bl-ispejjez tal-kawza inkluzi d-drittijiet professjonali tal-avukati patrocinaturi (izda mhux ukoll tal-ittra ufficcjali u mandat kawtelatorju pprezentati kontestwalment mal-avviz tat-talba, ghax dawn ma kinux mehtiega) jinqasmu 4/5 mill-konvenut u 1/5 mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------